# FINALI

**STQARRIJA GHALL-MEDIA**

**KOLLHA**

Fil-prezent il-Kummissjoni ghaddejja b'kampanja biex il-mass media tkun aktar sensittiva lejn il-qasam tal-persuni b'dizabilita. Bhala parti minn din il-kampanja, nhar it-Tlieta, 5 ta' Frar, 2002 saret laqgha bejn is-Sur Joseph M. Camilleri, Chairman u s-Sur Fred Bezzina, Direttur Ezekuttiv tal-*Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Dizabilità (KNPD)* flimkien mas-Sur Peppi Azzopardi mill-kumpanija *Where's Everybody?*.

Iz-zewg nahat qablu li idejalment il-bzonnijiet tal-persuni b'dizabilita u l-familji taghhom ghandhom jigu finanzjati mill-istat u mhux jiddependu mill-gbir tal-karita. Sfortunatament sakemm dan l-idejal jintlahaq ser jibqa' jkun hemm bzonn kampanji ta' gbir ta' flus ghall-persuni b'dizabilita. Kien hemm qbil li dawn il-kampanji ghandhom isiru b'mod posittiv, dinjituz u sensittiv.

Biex ikun jista' jintlahaq dan il-ghan, kien hemm qbil li, fejn ghandhom x'jaqsmu l-persuni b'dizabilità, il-kumpanija *Where's Everybody?* se tahdem id f'id mal-Kummissjoni.

Bhala bidu ghal dan il-ftehim, iz-zewg partijiet se jikollaboraw sabiex il-kampanja ta' gbir favur ir-*Razzett tal-Hbiberija* li se tigi organizzata waqt il-programm *Xarabank* tkun wahda li turi xbighat pozittivi ta' persuni b'dizabilità.

Fl-ahhar, giet ukoll diskussa l-problema ta' l-access fiziku ghall-istudio tat-televixin fejn jigu ffilmjati l-programmi ta' din il-kumpanija. Hawn hekk, id-dirigenti ta' l-Where's Everybody? urew ruhhom konxji ta' din il-problema u gie decis li, flimkien mal-Kummissjoni, jigu esplorati possibilitajiet dwar kif din il-problema tista' tigi rizolta b'mod ragonevoli.